REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/788

tas-16 ta' Mejju 2022

dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-Nomenklatura Magħquda

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 57(4) u l-Artikolu 58(2) tiegħu,

Billi:

(1) Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda annessa mar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 ([2]), huwa neċessarju li jiġu adottati miżuri li jikkonċernaw il-klassifikazzjoni tal-oġġetti msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

(2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stipula r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawn ir-regoli japplikaw ukoll għal kwalunkwe nomenklatura oħra li hija totalment jew parzjalment ibbażata fuqha jew li żżid xi suddiviżjoni addizzjonali magħha u li hija stabbilita minn dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Unjoni, bl-għan li jkun hemm l-applikazzjoni ta' tariffi u miżuri oħra relatati mal-kummerċ tal-oġġetti.

(3) Skont dawk ir-regoli ġenerali, jenħtieġ li l-oġġetti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella ppreżentata fl-Anness jiġu kklassifikati taħt il-kodiċi NM indikat fil-kolonna (2), bis-saħħa tar-raġunijiet ippreżentati fil-kolonna (3) ta'dik it-tabella.

(4) Huwa xieraq li jiġi previst li l-informazzjoni vinkolanti dwar it-tariffi maħruġa fir-rigward tal-oġġetti kkonċernati minn dan ir-Regolament u li ma tikkonformax ma' dan ir-Regolament tkun tista' tibqa' tiġi invokata mid-detentur, għal ċertu perjodu, f'konformità mal-Artikolu 34(9) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013. Jenħtieġ li dak il-perjodu jkun ta' tliet xhur.

(5) Il-Kumitat tal-Kodiċi Doganali ma tax opinjoni fil-limitu ta' żmien stabbilit mill-President tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-oġġetti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella kif ippreżentata fl-Anness għandhom ikunu kklassifikati fin-Nomenklatura Magħquda taħt il-kodiċi NM indikat fil-kolonna (2) ta' dik it-tabella.

Artikolu 2

L-informazzjoni vinkolanti dwar it-tariffi li mhijiex konformi ma' dan ir-Regolament tista' tibqa' tiġi invokata f'konformità mal-Artikolu 34(9) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 għal perjodu ta' tliet xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

([1]) ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1.

([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1).

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Mejju 2022.

Għall-Kummissjoni
Gerassimos THOMAS
Direttur Ġenerali
Direttorat Ġenerali għat-Tassazzjoni u l-Unjoni Doganali

ANNESS

Deskrizzjoni	Klassifikazzjoni (Kodiċi NM)	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
Banju bid-doċċa, fil-forma ta' trej ċatt, magħmul min taħlita ta' minerali u plastik u b'kisja esterna bajda tal-plastik. Il-prodott huwa kompost skont il-piż minn dawn li ġejjin: — 65 % karbonat tal-kalċju; — 28 % reżina tal-poliester; — 5 % diossidu tas-siliċju; — 2 % "gel-coat" tal-poliester (superfiċe esterna). Il-komponenti minerali (karbonat tal-kalċju u diossidu tas-siliċju) huma magħmulin minn laqx tal-irħam, kwarz jew granit imfarrak fin. Il-proċess tal-produzzjoni jinvolvi l-ewwel it-taħlit tal-komponent minerali mal-materjal tal-plastik (reżina ta' poliester). Dik it-taħlita tiġi mferra' f'forma, li hi miksija b'"gel-coat" tal-poliester, u r-reżina tal-poliester fl-aħħar tiġi kkurata. Ara l-istampa (*)	3922 10 00	Il-klassifikazzjoni hija ddeterminata mir-regoli ġenerali 1, 3(b) u 6 għal-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda u l-kliem tal-kodiċijiet NM 3922 u 3922 10 00. Sakemm il-kisi tal-plastik ikopri s-superfiċe utli tal-prodott, il-prodott mhuwiex imitazzjoni tal-ġebla naturali. Għalhekk ma jistax jiġi ikkonsidrat bħala oġġett tal-ġebel artifiċjali tat-titlu 6810 (ara ukoll in-Noti ta' Spjegazzjoni tas-Sistema Armonizzata għat-titlu 6810, it-tielet paragrafu). Il-materjal tal-plastik huwa l-komponent l-aktar importanti f'termini tal-użu tal-prodott. Huwa jagħti t-trej tad-doċċa reżistenza għat-tensjoni, reżistenza kimika u impermeabbilità għal-ilma u b'hekk il-karattru essenzjali tiegħu. Il-minerali li jinsabu fih iservu għall-mili. Għaldaqstant, il-prodott għandu jiġi ikklassifikat taħt il-kodiċi NM 3922 10 00 bħala banju bid-doċċa magħmul mill-plastik.

(*) L-istampa għandha tintuża biss għal raġunijiet ta' informazzjoni.

